# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 588/2012**

Il-Pulizija

(Supt. Norbert Ciappara)

vs

**Stephen Cali**

iben Aldo, imwieled Sliema, fid-19 ta' Settembru, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 637257(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Cali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(1) Talli fis-sajf tas-sena 2002 sa Settembru 2002, ikkoltiva l-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Talli fis-17 ta' Lulju 2003 u matul is-sena ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Talli fis-17 ta' Lulju 2003, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 3, 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti. Rat ukoll dwar il-piena l-Artikolu 22(1)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil Stephen Cali ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), u ghal multa komplessiva ta' €2,500. Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannat lill-imputat ghal hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €378.58.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Cali pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddikjara nulla u bla effett u sabiex l-esponenti ma jkunx ipprivat mid-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza mill-gdid, jew alternattivament u subordinatament, f'kaz li jogghobha **tikkonferma** s-sentenza bhala wahda valida a tenur tal-ligi, u tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-esponenti, li **tvarja** s-sentenza billi l-piena nflitta tkun wahda aktar ekwa u gusta skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**1. <u>L-Ewwel Aggravju – diffetti fis-sentenza</u>**

a. L-Ewwel Oonorabbli Qorti naqset milli tirriproduci l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti a tenur tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fl-istadju tal-parti akkuzatorja tas-

sentenza. B'dana pero` li fid-*decide* tal-istess, l-istess Qorti kkwotat l-artikoli rilevanti u ghaddiet lill-esponenti in gudikat in konnessjoni ma' dawn l-imputazzjonijiet.

b. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet zball ossia a bazi ta' liema artikolu tal-ligi kkalibrat il-piena. L-Ewwel Qorti "rat ukoll dwar il-piena l-artikolu **22(1)(b)(i)** tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta". Bir-rispett jinghad li dan <u>l-artikolu ma jezistix</u>. L-artikolu 22(1)(b) tal-Kapitolu 101 ma jitkellimx dwar pieni izda jistipula li huwa kontra l-ligi li persuna tagixxi bi ksur ta' licenzja moghtija lilha a tenur ta' din l-Ordinanza. Naturalment isegwi li dan l-artikolu li a bazi tieghu l-Qorti sabet lill-esponenti hati ma ghandu x'jaqsam xejn mal-akkuzi dedotti. Dan l-agir ghaldaqstant jikser l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Hija kopjuza l-gurisprudenza in materja fejn, minhabba tali zball is-sentenza tal-prim istanza giet annullata u l-atti gew rimessi lil Qorti tal-Magistrati ghal gudizzju mill-gdid sabiex l-esponenti jerga jghaddi in gudikat minghajr ma jkun ipprivat mid-*doppio esame*[1].

**"L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li s-sentenza mogħtija kontra l-imputat għandu jkollha fiha fost affarijiet oħra l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li jkun jikkontempla r-reat li tiegħu dak li jkun ikun instab ħati. S'intendi jekk l-artikolu tal-liġi ċitat fis-sentenza jkun jew ineżistenti jew jiġi ċitat b'artikolu ieħor, dan ikun daqslikieku l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat. Kif dejjem ġie ritentut, tali difett jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.[2]"**

In-nuqqas sostanzjali f'dan ir-rigward huwa l-fatt li fil-kaz ta' kull reat l-artikolu 382 jesigi li l-artikoli citati f'sentenza jkunu dawk li jaghmluha cara ghal kull parti fil-kawza u ghat-terz in generali mhux biss liema huwa l-eghmil illegali li sehh, izda ukoll il-piena li dik il-persuna kienet qedha tirrinfaccja.

---

[1] Ara f'dan is-sens il-Pulizija v. Joseph Farrugia [28.05.1987], Il-Pulizija v. George Camilleri [16.06.95], Il-Pulizija v. John Sultana [02.03.2001], il-Pulizija v. Paul Debattista [19.09.11], Il-Pulizija v. John Grima et [ 20.09.12], fost l-ohrajn.
[2] Vide is-sentenza ta' Sultana supra indikata hekk kif citata fil-kaz ta' Grima et supra citat.

Fil-kaz odjern, fis-sentenza appellata, hawn sitwazzjoni, fejn l-esponenti qieghed jigi dikjarat hati ta' agir li qatt ma gie imputat bih u li ma ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern, li gie moghti piena kkalibrata in konnessjoni mad-delitt li qatt ma kien akkuzat bih u li l-artikolu citat in konnessjoni mal-ikkultivar jispecifika d-delitt <u>biss</u> u mhux il-piena.  Naturalment a bazi tal-principju *nullum pena sine lege*, sabiex fil-kaz odjern is-sentenza tissodisfa l-vot tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, kellu *sine qua non* jkun imsemmi dak l-artikolu li a bazi tieghu temergi l-piena.

## 2. <u>It-Tieni Aggravju – il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jishaqq li fl-applikazzjoni tal-ligi in sostenn mal-imputazzjonijiet konnessi mal-pussess ta' armi, dik il-Qorti naqset mill-tgharbel il-provi prodotti b'mod akkurat.

Dan qieghed jinghad stante li kemm il-pussessuri tas-snieter, kemm dak li rrizulta lill-esperti ballistici, kemm dak li qal mil-istess esponenti, juri bic-car kif l-esponenti f'kaz li huwa kellu jinstab hati, l-agir tieghu kien jinkwadra ruhu perfettament fl-ambitu tal-**<u>proviso</u>** tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan id-dawl ukoll, tenut kont tal-fatti kif inhuma u cioe` l-applikazzjoni tal-proviso imsemmi, l-esponenti jishaqq li l-proceduri kontra tieghu a bazi tal-imputazzjonijiet a tenur tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta huma preskritti u dana skont l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

## 3. <u>It-Tielet aggravju – l-ikkultivar u l-apprezzament tal-provi in sostenn</u>

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Il-Qorti sabet lill-esponenti hati ta' din l-imputazzjoni a bazi ta' dak "dikjarat" mill-esponenti fl-istqarrija tieghu. Naturalment ghal ragunijiet li ser jigu amplifikati fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, l-esponenti jishaqq li huwa ma jaqbilx mal-analizi li saret mill-Ewwel Qorti in konnessjoni mal-validita` tal-istqarrija tieghu u dana b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Farrugia et" deciza nhar it-12 ta' Settembru 2012.

Madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jigi mfakkar kif l-istess prosekuzzjoni u anke l-Ewwel Qorti ghazlu li jiskartaw dak li qal l-esponenti f'dik il-parti tal-istqarrija tieghu in konnessjoni mal-provenjenza taz-zerriegha tal-cannabis u dana stante li huma qiesghuha gidba.

*Dato ma non concesso* li hija gidba, jista` allura qatt jitwemmen l-esponenti fil-kumplament?

Hemm xi provi li juru kif effettivament l-esponenti verament kabbar din il-pjanta tal-cannabis?

Min dak elevat mid-dar residenzjali tal-esponenti, hemm x'juri li verament l-esponenti kien qieghed jkabbar din il-pjanta?

Tista` qatt dina l-Onorabbli Qorti tkun moralment konvinta li l-esponenti verament ikkoltiva dina l-pjanta?

Jew aktarx iva milli le, hawn ghandha kaz ta' persuna li kellu l-*habit* li jpejjep il-cannabis u apparti li xtara l-cannabis resin misjuba, xtara ukoll il-cannabis grass misjuba u ma setghax jikxef minghand min gaba minhabba ragunijiet familjari?

Huwa a bazi ta' dawn il-provi li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha?

Jew aktarx iva milli le, l-provi juru kif, min irraporta, irraport b'certu zelu zejjed lill-pulizija ezekuttiva reat li kien jaf li ma jesistix?

Fejnhom il-provi in sostenn sabiex juru li l-esponenti kellu l-facilita` li jkabbar xi pjanta, kemm legali u kemm jekk le?

Ghalfejn is-*scene of the crime officers,* moghti nkarigu specifiku proprju ghal dan il-ghan, ma ghamlux xogholhom kif ordnat u minflok accedew u hadu ritratti tal-esebiti fl-ufficcju tal-ispettur?

Ghalfejn ma qdewx xogholhom ta' ufficjali tal-Qorti u obdew lill-Magistrat u minflok hadmu bhala membri tal-Korp tal-Pulizija u obdew biss l-ordnijiet tal-ispettur?

Ghalfejn il-Korp tal-Pulizija ma agixxiex skond id-dettami tal-artikolu 346 tal-Kodici Kriminali u ivverfikaw akkuratament l-informazzjoni f'idejhom?

Ghalfejn, minghajr pregudizzju, hadu *a bocca bacciata* dak li ntqal lilhom mill-esponenti meta kien evidenti ghalihom li l-esponenti kien qieghed jigdeb in konnessjoni mal-ikkultivar?

Ghaldaqstant l-esponenti jishaqq li l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti kien wiehed legittimament u ragjonevolment zbaljat.

**4. Ir-Raba` aggravju – l-piena**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

L-esponenti jishaqq li l-piena nflitta fuqu hija wahda eccessiva u sproporzjonata. Dan qieghed jintqal stante li kazijiet ohra simili in konnessjoni kemm mal-kultivar, kull persuna nghatat piena ta' prigunerija ferm anqas minn dik moghtija fil-kaz odjern, meta jkun paragunat l-ammont u l-piz tal-weraq mehud mil-pjanta koltivata. Il-Qrati holqu certa uniformita` fil-piena in materja u kieku din l-uniformita giet applikata flimkien mal-proviso tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66, fil-kaz odjern, l-piena kienet tkun ferm inqas bil-bosta minn dik inflitta.

L-esponenti qieghed jippresenta s-segwenti table sabiex jaghmel il-paragun mehtieg[3]:

| Okkju | Res judicata | Ammont[4] | Piena |
|---|---|---|---|
| Pul. v. Anthony Camilleri | 03/12/2001 QAK (I) VDG | 3 xtieli | 6 xhur + Lm 200 |
| Pul. v. Jason Azzopardi | 15/12/2003 QM[5] CSH | *De minimis* | 8 months |
| Rep. v. John Bartolo & Anthony Camilleri | 15/07/2004 QK JGD | 122 pjanta + boroz =12.448kg pjanti; 8288.952g ghanja; 2818.243g marijuana | Bartolo – 12-il sena + Lm12,000 [also guilty of voluntary damage and loss of electricity & illicit possession of a revolver]<br><br>Camilleri – 8 snin + Lm8,000 [recidivist] |
| Pul. v. Kevin Bellotti | 25/05/2007 QAK (I) JGD | 153.9g | 10 months + Lm 300 [possession not exclusively for personal use] |
| Pul. v. Eric Borda | 09/05/2008 QM LQ | 2 qsari | Xahar + €230<br>[art. 29 + il-kaz gara 9 snin qabel is-sentenza] |
| Pulizija v. John Saliba | 11/02/2009 QAK (I) VDG | 7 pjanti | 6 xhur u €500 |
| Rep. v. Anthony | 12/3/2009 | 3.5kg | 12 years + €25,000 |

[3] *In consequential date order* min meta saru *res gudicata*

[4] Fejn hemm riferenza biss ghal piz huwa l-piz tal-weraq mehuda mil-qasrija

[5] Ossia Qorti tal-Magistrati

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seychell | QAK(S) | | |
| Pul. v. Joseph Cilia | 17/04/2009 QAK(I)[6] VDG | 4 pjanti = 189.89g + 5 ecstacy pills | 6 xhur + €500 + 3snin probation |
| **Rep. v. Paul Muscat**[7] | **28/12/2009 QAK (S)** | **18kg** | **16-il xahar + €45,000 [hati ukoll ta' traffikar]** |
| Pul. v. Darren Debono | 29/03/2010 QM LQ | 2 pjanti = 178.2g + 216g ta' *raza* | Sena + €700 [pluri recidiv] |
| Pul. v. Raymond Bezzina<br><br>Pul. v. David Bajada | 18/3/2011 QAK (I) MM<br><br>08/04/2011 QM MAF | "xi pjanti"<br><br>684g + 118.35g + "numru ta' pjanti" | 6 xhur + €467<br><br>Sena + €1500 [art. 29 ] |
| Pul v. Silvio Camilleri | 11/10/2011 QM AM | N/A | 6 xhur + €800 [recidiv u t-tkabbir gewwa CCF!] |
| Rep. v. Peter Joseph Bonnici | 29/11/2011 QK[8] LQ | 1785 zerriegha, 174 xitel = 179.6g, 513.52g weraq, 693.12g haxix | 7 snin, 6 xhur + €17,400 + €2057 spejjez peritali |

[6] Ossia Qorti ta' l-Appell Kriminali sede Inferjuri

[7] L-esponenti jemmen li meta l-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha ghamlet riferenza ghal din il-kawza kienet, qedha tistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tuza din is-sentenza bhala l-mizien ai fini ta' kalibrazzjoni tal-piena li kellha tigi mposta fuq l-esponenti.

[8] Ossia Qorti Kriminali

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pul. v. Nikola Dimitrov Nikolov u Blaga Milkova Petkova | 20/03/2012 QM MH | N/A | 3 snin + €1000 each |
| Pul. v. Yuliya Georgieva Naydenova | 19/03/2012 QM DC | N/A | Sena + €500 |
| Pul. v. Omissis | 19/03/2012 QM DC | N/A | 18-il xahar + €500 [also guilty of trafficking] |
| Pul. v. Todor Tsankov Yordanov | 19/03/2012 QM DC | N/A | 15-il xahar + €700 [also guilty of importation, art. 29] |
| Pul. v. Johann Mifsud | 19/04/2012 QM GG | N/A | 3 snin + €1000 + pussess ta' herojina |
| Pul. v. Carmelo Micallef | 19/06/2012 QM CSZ | N/A | 2 years + €1000 [bl-aggravju tal-100 metru, etc ] |
| Pul. v. Mario Dingli | 17/09/2012 QAK (I) MM | 58 ecstacy pills + 5 halcion pills + 2 blocks of THC (9.7g) + some germinable cannabis seeds + traces of cocaine | **2 years suspended for 4 + €100** |

L-esponenti jemmen li l-piena inflitta hija b'rizultat ta' l-izball li sehh mill-Ewwel Qorti fejn l-istess Qorti ma applikatx il-proviso tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Pero` l-esponenti jitlob bir-rispett li fil-kaz odjern il-fedina penali aggornata tieghu tigi ezebita quddiem dina l-Onorabbli Qorti fuq talba tieghu stess. L-esponenti mis-sena 2002 s'issa qatt ma kellu la sejbien ta' htija u wisq anqas xi proceduri penali ohra.

Fir-rigward l-esponenti jitlob ukoll li sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tiddetermina jekk l-piena nflitta hijiex wahda eccessiva, u x'effett u impatt tali piena ser jkollha fuq l-esponenti u l-familja tieghu ta' 6 ulied, jitlob li jsir a social inquiry report, fejn l-esponenti huwa dispost li joqghod ghal kull test possibbli sabiex issir il-prova li l-esponenti ma ghadux bil-vizzju li kellu.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-gurisprudenza nostrana in konnessjoni mal-hekk imsejha *window of opportunity*, mal-principji ta' gustizja restorattiva, l-esponenti jemmen li fil-kaz odjern jista` jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, fl-eventwalita` li huwa xorta jinstab hati ta' kultivar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu maqsum f'zewg partijiet li ser jigu analizzati separatament.

Illi l-ewwel bicca titratta dwar il-fatt li fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti hemm in-nuqqas tar-riproduzzjoni tal-akkuza dwar il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser li fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti hemm iil-fatti li jirrigwardaw din l-akkuza, hemm l-artikoli tal-ligi rilevanti izda din l-akkuza partikolari ma gietx miktuba fis-sentenza msemmija. Ghalhekk, mill-qari ta' din is-sentenza hemm l-akkuzi l-ohra izda dik li tirrigwarda l-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm xejn.

Illi l-appellant qed jikkontendi li dan il-fatt jilledi l-principji misjuba fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u tirrendi s-sentenza nulla. Min-naha tieghu l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-

artikolu de quo jitkellem: "...ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati..." u allura l-vot tal-ligi gie sodisfatt u ma hemm ebda nullita'.

Illi minn qari ta' kull sentenza moghtija minn dawn il-Qrati, l-ewwel parti tas-sentenza hi dedikata ghall-elenku tal-akkuza jew akkuzi li huma migjuba kontra l-akkuzat. Is-sentenzi gew dejjem imsejsa b'dan il-mod sabiex il-persuna akkuzat tkun taf bl'liema reat hi akkuzata u b'hekk ikun ic-certezza tar-reat, fl-ewwel lok fis-sentenza moghtija u fit-tieni lok, biex jekk ikun hemm kaz ta' appell, l-appellant ikun jaf fuq liema akkuza ghandu jfassal l-appell. Huwa veru li dan l-artikolu jitkellem fuq "...il-fatti..." izda hu logiku li tali fatti jinkludu l-akkuza. Ghalhekk, il-fatt li fis-sentenza tal-ewwel Qorti hemm dan in-nuqqas jirrendi s-sentenza nulla u bla effett fl-intier taghha. Ghalhekk, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Illi t-tieni parti ta' dan l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ccitat artikolu tal-Kodici Kriminali li ma jezistiex. L-Avukat Generali min-naha tieghu jghid li dan kien zball u ma jgibx in-nullita' tas-sentenza. Hu car li dan l-argument ma jista' qatt iregi. Il-Qrati taghna minn dejjem elenkaw l-artikoli tal-ligi b'mod li l-persuna li kontra taghha tkun ghaddiet in gudikat is-sentenza jkun jaf b'xhiex hu gie misjub hati. Ghalhekk, tali zball, anki jekk ta' zball qeghdin nitkellmu, a tenur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jgib in-nullita ta' din is-sentenza. (vide Il-Pulizija v. John Grima et, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Settembru, 2012). Ghalhekk, din it-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Illi ghalhekk, a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti qed thassar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ser tghaddi biex tiddecidi dan l-appell fuq il-meritu.

Illi l-ahhar akkuza tirrigwarda il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'data specifika u cioe' is-17 ta' Luju, 2003. L-appellant kien tressaq il-Qorti b'citazzjoni li ggib id-data tas-26 ta' Mejju, 2006. Fil-process ma hemm ebda indikazzjoni meta gie notifikat l-appellant. L-ewwel seduta nzammet fil-11 ta' Ottubru, 2006 fejn giet moqrija l-akkuza u sar l-interrogatorju ta' l-akkuzat appellant, anki jekk fil-formula a fol. 6 tal-process ma tirrizulta ebda data.

Illi l-appellant hu tal-fehma li din l-akkuza hi preskritta a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali li tispecifika perjodu preskrittiv ta' sentejn ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena jew tal-multa. Fil-fatt, l-appellant gie akkuzat a bazi tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-proviso tieghu dan l-artikolu jispecifika li l-piena li ghandha tiegi erogat hi ta' multa jew prigunerija li ma tccediex tlett xhur. Mill-fatti kif esposti jirrizulta car li dan ir-reat hu preskritt a tenur ta' l-artikolu 688(e) tal-kodici Kriminali.

Illi punt iehor li ghandu jigi rilevat hu l-kwistjoni ta' l-istqarrija tal-appellant. L-appellant jikkontendi li tali stqarrija ma ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li l-appellant kien inghata l-opportunita' li jibghqa sieket izda hu ghazel li jirilaxxa stqarrija. Dan il-fatt illum hu deciz permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fl-1 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet: "The Republic of Malta v. Chkwudi Samuel Onyeabor" fejn dik il-Qorti ordnat l-isfilz ta' l-istqarrija ta' l-akkuzat billi ma kienx assistit minn avukat. Hawnhekk, ghandna l-istess sitwazzjoni u ghalhekk ma hemmx lok ghal diskors ulterjuri. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti tordna l-isfilz mill-atti ta' l-istqarrija ta' l-appellant.

Illi l-ewwel Qorti sabet il-htija tal-appellant a bazi ta' l-istqarrija tieghu. Billi din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, allura wiehed ghandu jara xi provi ohra hemm biex tigi radikata l-htija tal-appellant, jekk ikun il-kaz.

Illi l-ewwel akkuza hi dik li l-appellant ikkultiva l-pjanta kannabis. Mill-provi migbura ma hemm ebda prova li l-appellant ikkoltiva tali pjanta. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax issb htija dwar din -akkuza.

Illi it-tieni u it-tielet akkuza huma li l-appellant kellu fil-pusses tieghu l-pjanta cannabis u ir-raza taghha. Mill-provi jirrizulta li l-pulizija verament sabu ammont minimu ta' dak imsemmi hawn fuq fil-pussess ta' l-imputat u tali kwantita hi deskritta fir-relazzjoni tal-espert forensiku, kif espost fil-korp tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tilqa l-appell ta' Stephen Cali fis-sens li tiddikjara bhala preskritta r-raba' akkuza li tirreferi ghall-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu dwar l-ikkultivar tal-pjanta cannabis u ghalhekk tehilsu minn kull htija u piena. Issibu hati ta' pussess semplici dwar it-tieni u it-tilet akkuza. Rat l-artikoli 8(a)(d) u (22)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fis-sajf tas-sena 2002 u ghalhekk ma hemm ebda dubju li piena karcerarja tkun kontro-producenti. Ghalhekk, tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' €378.58 spejjez inkorsi fil-hatra ta' periti.